# Il-Bejjiegħ tal-Ħut

ta’

Dun Frans Camilleri

Kull filgħodu mmur niġġerra

qalb it-toroq, ġewwa l-bliet,

ngħajjat dejjem b'leħen għoli

biex inbigħ erba' ħutiet.



Daqqa jkolli ftit kavalli,

daqqa jkolli żewġ vopiet;

u ndur bihom, dejjem ngħajjat:

“Ejjew ixtru: reġgħet ġiet!”





“Ixtru, ixtru għall-aljotta,

ixtru, ixtru biex tixwuh.

Għadu frisk; qbadnieh dalgħodu:

agħżlu minnu kif tħobbuh!”





U nbigħ l-iżjed meta jkolli

il-lampuki, friski, sbieħ.

Kulħadd jixtri, kulħadd jaħtaf;

u mmur kmieni u naqla' sħiħ.





Xemx u xita dejjem niġri

kull filgħodu mat-triqat;

daqqa nieħu xi tixriba,

daqqa l-qtajja' waqt ir-ragħad.

